# It-tisjir u l-ikel Malti fl-imgħoddi u llum



Il-bużnanniet kienu jsajru fuq kenur, li kien qisu stufa (stove) kwadra maqtugħa fil-ġebla Maltija, bi spazju taħt għan-nar, toqba fin-nofs u l-erba' kantunieri elevati biex iżommu l-borma tal-fuħħar fuq in-nar. Il-kenur kellu bżonn ħafna attenzjoni għax kellek toqgħod titfagħlu z-zkuk ta' spiss u trewwaħlu biex ma jintefiex. Barra minn hekk, il-kenur kien isajjar bil-mod ħafna, u b'hekk it-tisjir kien jieħu ħafna mill-ħin tal-ġurnata.



Eventwalment wasal il-fuklar li kien naqra usa' u kien jippermetti żewġ borom f'salt minflok waħda, iżda dan ukoll kellu bżonn ħafna attenzjoni u ħin.



Imbagħad wasal il-kuċinett tal-ftejjel, li kien isajjar bil-pitrolju flok bil-ħatab, u l-ispiritiera tal-fwar li kienet ukoll tuża l-pitrolju iżda kienet issajjar bil-pressjoni flok bil-ftila u b'hekk kienet iktar effiċjenti.



Meta tara x'faċilitajiet kellhom dak iż-żmien tintebaħ għaliex ħafna mill-ikel tradizzjonali Malti jdum biex isir; fil-fatt ħafna drabi trid tħallih itektek għal ħafna ħin biex isir kif inhu xieraq. Għalkemm illum għandna ħafna iktar faċilitajiet fil-kċina, xorta nsibu li z-zlazi, is-sopop u l-istuffati jiġu itjeb jekk tħallihom fuq nar bati għal ħafna ħin.



Ħaġa oħra interessanti hija r-raġuni partikolari għaliex ħafna mill-ikel tagħna jikkonsisti minn torti differenti, inklużi t-torti tal-irkotta, tal-ispinaċi u l-ħut, tal-lampuki u saħansitra t-timpana. Dan kien għaliex in-nanniet mhux dejjem kellhom biżżejjed ikel biex kulħadd ikollu porzjon tajjeb u jinfaqa'. Għalhekk kienu jsajru l-ikel u jitfgħu kollox ġol-għaġina u jagħmlu torta, biex l-ikla timliek iktar għalkemm il-porzjon ikun kemxejn żgħir.

Iżda fil-passat il-forn ma kienx jeżisti fid-djar, u konna nsibu lin-nanniet tagħna jibagħtu dixx patata l-forn, xi torta jew timpana mgħottijin b'paljazza nadifa s'għand il-furnar. Din kienet drawwa tal-Ħadd filgħodu biex il-familja tkun tista' tgawdi ikla daqsxejn speċjali mqar darba fil-ġimgħa.

Il-furnara tant kienu mdorrijin b'din id-drawwa tal-Maltin li kellhom sistema: kienu jwaħħlu numru tal-metall mad-dixx u jagħtu n-numru li jikkorrispondi miegħu lis-sid tad-dixx tal-ikel, biex ikunu jistgħu jiġbruh aktar tard mingħajr ma jkun hemm taħwid tal-ikel fost il-ġirien. Ħafna nanniet tal-lum jibqgħu jsostnu li l-ikel kien jiġi ħafna itjeb fil-forn tal-furnar milli f'dak tad-dar, u għad hemm min għadu jkompli din id-drawwa f'xi rħula sal-ġurnata tal-lum.

Mehud min http://littlerock.com.mt/